# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 120

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

21 ta' April 2022


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/658 tal-21 ta' April 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/659 tal-21 ta' April 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ..... 5


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/660 tal-21 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna** ..... 11

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/661 tal-21 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** ..... 14


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/658

**tal-21 ta' April 2022**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.

(2) L-Unjoni tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinżdiedu żewġ individwi mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014, għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u talli jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.

(4) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-Y. LE DRIAN

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "211. | Serhiy Vitaliyovich KURCHENKO<br>(Ukren: Сергій Віталійович КУРЧЕНКО; Russu: Сергей Витальевич КУРЧЕНКО) | Ġeneru: maskil<br>Data tat-twelid: 21.9.1985<br>Post tat-twelid: Kharkiv, l-Ukrajna<br>Nazzjonalità: Ukren | Is-Sur Serhiy Kurchenko huwa negozjant Ukren. Bl-appoġġ ta' separatisti favur ir-Russja, ħa l-kontroll ta' diversi impjanti kbar metallurġiċi, kimiċi u tal-enerġija fiż-żoni ta' Donbas miżmuma mis-separatisti. Il-kumpannija tiegħu "Gaz-Alliance" kellha monopolju fl-estrazzjoni tal-faħam f'Donbas wara li l-kompetituri tagħha ġew imġiegħla joħorġu mis-suq, allegatament bl-għajnuna tar-Russja. Huwa organizza u bbenefika mill-iskema illegali ta' esportazzjoni tal-faħam ta' Donbas lejn ir-Russja u l-Ewropa minkejja s-sanzjonijiet tal-UE. Il-faħam estratt fil-minjieri tas-Sur Kurchenko ġie rreġistrat mill-ġdid u esportat illegalment permezz tal-portijiet Russi.<br>Is-Sur Kurchenko għen lil kumpanniji Russi kbar u lil azjendi tal-Istat jevitaw il-miżuri restrittivi tal-UE billi aġixxa bħala s-sottokuntrattur tagħhom fit-territorji miżmuma mir-Russja. Huwa kien intermedjarju fl-esportazzjonijiet Russi tal-gass, tal-fjuwil u tal-elettriku lejn il-partijiet ta' Donbas miżmuma mis-separatisti, li saħħew il-provvisti indipendenti tagħhom tal-enerġija u dgħajfu l-integrazzjoni ekonomika tagħhom mal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa wassal fjuwil lejn il-Peniżola tal-Krimea okkupata illegalment. B'dan il-mod, huwa saħħaħ il-provvisti indipendenti tal-elettriku ta' dan it-territorju. Huwa s-sid ukoll tal-akbar depożitu taż-żejt fil-Peniżola tal-Krimea.<br>B'hekk huwa bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna, wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna, u appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 21.4.2022 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 234. | Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN<br>(Евге'ний Ви'кторович ПРИГО'ЖИН) | Data tat-twelid: 1.6.1961<br>Post tat-Twelid: Leningrad, eks USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)<br>Funzjoni: negozjant prominenti, b'rabtiet mill-qrib mat-tmexxija politika Russa<br>Persuni assoċjati: Lyubov Valentinovna Prigozhina (konjuġi); Violetta Prigozhina (omm)<br>Entitajiet assoċjati: Wagner Group, Internet Research Agency, Concord company group, Concord Management and Consulting LLC, Megaline LLC<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Yevgeniy Prigozhin huwa negozjant prominenti Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President Putin u l-Ministeru għad-Difiża Russu. Huwa l-finanzjatur u l-kap mhux uffiċjali ta' Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja, responsabbli għall-iskjerament tal-merċenarji ta' Wagner Group fl-Ukrajna.<br>Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpannija li Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, u grupp ta' kumpanniji oħra b'rabtiet miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża Russu wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja.<br>Huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li dgħajfu u heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv. Hu bbenefika wkoll minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. | 21.4.2022". |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/659**

**tal-21 ta' April 2022**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni kienet ser tikkunsidra rispons ulterjuri xieraq għall-azzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ("RDPK") li jdgħajfu r-reġim globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, speċjalment permezz ta' miżuri restrittivi awtonomi addizzjonali.

(3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR") 2397 (2017), fejn afferma mill-ġdid li r-RDPK: ma għandhiex twettaq aktar illanċjar bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi, testijiet nukleari, jew kwalunkwe provokazzjoni oħra; għandha immedjatament tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-programm tal-missili ballistiċi tagħha u f'dak il-kuntest tistabbilixxi mill-ġdid l-impenji eżistenti minn qabel għal moratorju fuq l-illanċjar kollu tal-missili; għandha immedjatament tabbanduna l-armi nukleari kollha u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati; u għandha tabbanduna kwalunkwe arma eżistenti oħra ta' qerda massiva u programmi ta' missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.

(4) Fl-24 ta' Marzu 2022, ir-RDPK illanċjat missila ballistika interkontinentali. Ir-RDPK illanċjat missili f'mill-anqas tnax-il okkażjoni bejn il-5 ta' Jannar u l-24 ta' Marzu 2022.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjon fejn ikkundanna l-illanċjar mir-RDPK ta' missila ballistika interkontinentali fl-24 ta' Marzu 2022, li sar bi ksur ta' diversi UNSCR u huwa theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u reġjonali. Dik id-dikjarazzjoni appellat ukoll lir-RDPK biex iżżomm lura minn kwalunkwe azzjoni ulterjuri li tista' żżid it-tensjoni internazzjonali u reġjonali u biex tikkonforma mal-UNSCR rilevanti billi tabbanduna l-armi nukleari kollha tagħha, l-armi l-oħra ta' qerda massiva, il-programmi ta' missili ballistiċi u l-programmi nukleari eżistenti, b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni tinsab lesta biex timplimenta u tikkomplementa, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed mill-KSNU b'rispons għall-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali fl-24 ta' Marzu 2022.

(6) Billi l-attivitajiet marbuta mal-illanċjar ta' missili ballistiċi baqgħu jitwettqu mir-RDPK, bi ksur tal-UNSCR rilevanti u b'nuqqas sfaċċat ta' rispett għalihom, jenħtieġ li tmien individwi u erba' entitajiet jiġu inklużi fil-listi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509.

(7) Għalhekk, l-Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-Y. LE DRIAN

*ANNESS*

Annessi XV u XVI għar-Regolament (UE) 2017/1509 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness XV, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)", is-subintestatura "(a) Persuni fiżiċi indikati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 34(4)", jiżdiedu dawn l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Magħruf ukoll bħala | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| "28. | KIM Su Gil | KIM Su-Gil | Data tat-twelid: 1950<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Uffiċċju Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu tal-Korea, bejn l-2018 u l-2021 u bħala Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat bejn l-2019 u l-2021, kien responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, marbuta mal-iżvilupp tal-programmi nukleari u ballistiċi bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017), u 2397 (2017). |
| 29. | JON Il Ho | JON Il-Ho | Data tat-twelid: 1955 jew 1956<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "uffiċjal ewlieni fil-qasam tax-xjenza tad-difiża nazzjonali", jaqdi rwol importanti fil-programmi tar-RDPK ta' armi ta' qerda massiva, u huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-programmi. Promoss għal Kurunell Ġenerali f'Awwissu 2019, fis-16 ta' Frar irċieva l-Premju għax-Xjenza u t-Teknoloġija, huwa Direttur tal-Research Institute of Automation u Direttur ta' Istitut f'Kim Chaek University of Technology, u Viċi Direttur ta' Dipartiment tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema, fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017 ipparteċipa fl-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) Hwasong-14, kif ukoll fil-biċċa l-kbira tal-illanċjar ta' missili oħra fl-2017, l-2019 u f'Marzu 2020. |
| 30. | JONG Sung Il | JONG Sung-Il | Data tat-twelid: 20.3.1961<br>Numru tal-passaport: 927240105<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "Uffiċjal Għoli tal-Partit" u "uffiċjal ewlieni fil-qasam tax-xjenza tad-difiża nazzjonali" u identifikat minn Stat Membru tan-NU bħala l-Eks Viċi Direttur tal-Munitions Industry Department tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fl-2017, jaqdi rwol importanti fil-programmi tar-RDPK ta' armi ta' qerda massiva, u huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-programmi, partikolarment missili ballistiċi. Huwa kien preżenti waqt it-testijiet tal-missili ballistiċi interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017 u preżenti waqt l-illanċjar tal-missili ballistiċi/ tas-Sistema ta' Llanċjar ta' Rokit Multiplu ta' dimensjonijiet kbar fl-24 ta' Awwissu 2019 u fl-10 ta' Settembru 2019. |

| | Isem | Magħruf ukoll bħala | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 31. | YU Jin | YU Jin | Data tat-twelid: 1960<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Munitions Industry Department u Membru Supplenti tal-Uffiċċju Politiku tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, huwa responsabbli fil-qadi ta' rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-programmi tar-RDPK tal-armi ta' qerda massiva kemm il-qasam nukleari kif ukoll ballistiku. Huwa akkumpanja lil Kim Jong Un fin-National Aerospace Development Administration qabel l-illanċjar tal-ICBM f'Marzu 2022 u ħa sehem fil-Wirja ta' Difiża Nazzjonali tal-2021, li wriet sistemi apparentement ġodda ta' armi. Bħala Viċi Direttur kien preżenti waqt it-testijiet tal-missili ballistiċi interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017, kif ukoll fit-22 ta' Lulju 2019 waqt l-ispezzjoni ta' Kim Jong Un tat-tip ġdid ta' sottomarin, li r-RDPK indikat li kien maħsub għall-fini "strateġiku" li jiġu skjerati missili ballistiċi llanċjati minn sottomarini, possibbilment kapaċi jġorru testati nukleari u fl-illanċjar tal-missili ballistiċi fil-25 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju 2019, u fit-2 ta' Awwissu 2019." |

(2) Fl-Anness XVI, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)", is-subintestatura "(a) Persuni fiżiċi", jiżdiedu dawn l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "25. | PAK Hwa Song<br>magħruf ukoll bħala PAK Hwa-Song | Kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE<br>Post tat-twelid: RDPK<br>Numru tal-passaport: 654331357<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil<br>Indirizz: Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 21.4.2022 | Pak Hwa Song huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u huwa responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Huwa kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE, kumpannija ta' faċċata tal-PAEKHO TRADING CORPORATION. PAEKHO hija involuta fl-esportazzjoni ta' statwi lejn diversi pajjiżi sub-Saħarjani bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU. Pak fetaħ ukoll kont bankarju f'fergħa ta' bank f'Lubumbashi bbażat fil-Kamerun bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Pak jaħdem ma' Hwang Kil Su. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji b'appoġġ għar-reġim u l-programmi nukleari tar-RDPK. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 26. | HWANG Kil Su<br>magħruf ukoll bħala HWANG Kil-Su | Kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE<br>Post tat-twelid: RDPK<br>Numru tal-passaport: 654331363<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil<br>Indirizz: Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 21.4.2022 | Hwang Kil Su huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u huwa responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Huwa kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE, kumpannija ta' faċċata tal-PAEKHO TRADING CORPORATION. PAEKHO hija involuta fl-esportazzjoni ta' statwi lejn diversi pajjiżi sub-Saħarjani bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Hwang fetaħ ukoll kont bankarju f'fergħa ta' bank f'Lubumbashi bbażat fil-Kamerun bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Hwang jaħdem ma' Pak Hwa Song. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji b'appoġġ għar-reġim u l-programmi nukleari tar-RDPK. |
| 27. | IM Song Sun<br>magħruf ukoll bħala IM Song-Sun | Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-Corman Construction Company (Tong Bang), kumpanija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project (MOP) Group iddeżinjat min-NU, Im Song Sun huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371, (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpannija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. |
| 28. | CHOE Song Chol<br>magħruf ukoll bħala CHOE Song-Chol | Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-kumpannija Corman Construction (Tong Bang), kumpannija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project Group iddeżinjat min-NU, Choe Song Chol huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397(2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpannija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK." |

(3) Fl-Anness XVI, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikolu 34(1) u 34(3)", is-subintestatura "(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem (u ismijiet oħra possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "5. | Eritech Computer Assembly & Communication Technology PLC | Indirizz: Denden Street N028, Asmara, 257, Eritrea | 21.4.2022 | Eritech Computer Assembly & Communication technology PLC tqiegħdet taħt l-awtorità jew taħt id-direzzjoni tal-Forzi ta' Difiżi tal-Eritrea u hija domiċiljata fil-kumpless tagħhom tal-Asha Golgol Military Technical Center, użat għall-produzzjoni, il-modifika jew it-tiswija ta' apparat ċivili u militari u paramilitari. Hija involuta fl-evażjoni ta' sanzjonijiet u responsabbli għall-appoġġ tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK billi ġiet identifikata bħala r-riċevitur intiż f'Lulju 2016 ta' kunsinna miċ-Ċina ta' tagħmir ta' komunikazzjonijiet militari li oriġina mir-RDPK. Il-biċċa l-kbira tat-tagħmir ikkonċernat ġie minn GLOCOM, kumpannija tar-RDPK speċjalizzata fil-forniment ta' tagħmir ta' trażmissjoni militari, marbuta mas-servizzi ta' intelligence tar-RDPK bi ksur, b'mod partikolari, tal-UNSCR 2270 (2016). |
| 6. | Korea General Corporation for External Construction (Ismijiet oħra: KOGEN, GENCO) | Indirizz: Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Il-Korea General Corporation for External Construction (KOGEN), hija kumpannija professjonali tal-kostruzzjoni barra l-pajjiż, u tiddependi fuq ħaddiema tas-sengħa li tibgħat barra, skont il-preżentazzjoni li saret mill-portal tal-internet uffiċjali tar-RDPK, u wettqet proġetti fl-Emirati Għarab Magħquda, il-Kuwajt, il-Qatar, il-Jemen, ir-Russja, il-Libja u l-Mongolja. Hija stabbiliet ukoll fergħat lokali, bħal fiż-Żambja. Il-KOGEN hija, għalhekk, involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u hija responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK peress li tittrasferixxi lir-reġim il-pagi kollha jew parti minnhom tal-ħaddiema li tibgħat barra, prattika pprojbita mill-UNSCR 2397 (2017). |
| 7. | Chilsong Trading Corporation | Indirizz: Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Chilsong Trading Corporation hija, involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tal-UNSCR 2270 (2016) u hija responsabbli għall-appoġġ tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK peress li hija rrappreżentata b'mod partikolari minn ċittadin tar-RDPK, CHOE Jin-myong, li jikkummerċjalizza tagħmir ta' komunikazzjonijiet militari u nnegozja ma' DAERYONGGANG TRADING CORPORATION, entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Lulju 2009. |
| 8. | Korea Paekho Trading Corporation<br>(Magħrufa ukoll bħala: Joson Paekho Muyok Hoesa) | Indirizz: Chongryu 3-dong, Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Paekho Trading Corporation hija kumpannija tal-arti involuta fil-bini ta' statwi barra l-pajjiż, fl-esportazzjoni ta' statwi artistiċi prodotti minn Paekho Art Studio, u tiffaċilita x-xogħol illeċitu u l-aċċess għas-sistemi finanzjarji internazzjonali. Hija speċifikament immirata lejn għotjiet u self għall-iżvilupp, kif ukoll investiment dirett barrani allokat għal proġetti muniċipali. Għaldaqstant hija involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u hija responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK." |

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/660

**tal-21 ta' April 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-17 ta' Marzu 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK ([1]).

(2) L-Unjoni tkompli tikkundanna l-azzjonijiet u l-politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

(3) Il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jinżdiedu żewġ individwi mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK għar-rwol tagħhom fl-ipperikolar jew it-theddid tal-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u talli jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew id-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/145/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-Y. LE DRIAN

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

*ANNESS*

Il-persuni li ġejjin jinżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "211. | Serhiy Vitaliyovich KURCHENKO<br>(Ukren: Сергій Віталійович Курченко; Russu: Сергей Витальевич КУРЧЕНКО) | Ġeneru: maskil<br>Data tat-twelid: 21.9.1985<br>Post tat-twelid: Kharkiv, l-Ukrajna<br>Nazzjonalità: Ukren | Is-Sur Serhiy Kurchenko huwa negozjant Ukren. Bl-appoġġ ta' separatisti favur ir-Russja, ħa l-kontroll ta' diversi impjanti kbar metallurġiċi, kimiċi u tal-enerġija fiż-żoni ta' Donbas miżmuma mis-separatisti. Il-kumpannija tiegħu "Gaz-Alliance" kellha monopolju fl-estrazzjoni tal-faħam f'Donbas wara li l-kompetituri tagħha ġew imġiegħla joħorġu mis-suq, allegatament bl-għajnuna tar-Russja. Huwa organizza u bbenefika mill-iskema illegali ta' esportazzjoni tal-faħam ta' Donbas lejn ir-Russja u l-Ewropa minkejja s-sanzjonijiet tal-UE. Il-faħam estratt fil-minjieri tas-Sur Kurchenko ġie rreġistrat mill-ġdid u esportat illegalment permezz tal-portijiet Russi.<br>Is-Sur Kurchenko għen lil kumpanniji Russi kbar u lil azjendi tal-Istat jevitaw il-miżuri restrittivi tal-UE billi aġixxa bħala s-sottokuntrattur tagħhom fit-territorji miżmuma mir-Russja. Huwa kien intermedjarju fl-esportazzjonijiet Russi tal-gass, tal-fjuwil u tal-elettriku lejn il-partijiet ta' Donbas miżmuma mis-separatisti, li saħħew il-provvisti indipendenti tagħhom tal-enerġija u dgħajfu l-integrazzjoni ekonomika tagħhom mal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa wassal fjuwil lejn il-Peniżola tal-Krimea okkupata illegalment. B'dan il-mod, huwa saħħaħ il-provvisti indipendenti tal-elettriku ta' dan it-territorju. Huwa s-sid ukoll tal-akbar depożitu taż-żejt fil-Peniżola tal-Krimea.<br>B'hekk huwa bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna, wettaq tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas tal-Ukrajna, u appoġġa b'mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 21.4.2022 |
| 234. | Yevgeniy Viktorovich PRIGOZHIN<br>(Евгений Викторович ПРИГОЖИН) | Data tat-twelid: 1.6.1961<br>Post tat-Twelid: Leningrad, eks USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)<br>Funzjoni: negozjant prominenti, b'rabtiet mill-qrib mat-tmexxija politika Russa | Yevgeniy Prigozhin huwa negozjant prominenti Russu b'rabtiet mill-qrib mal-President Putin u l-Ministeru għad-Difiża Russu. Huwa l-finanzjatur u l-kap mhux uffiċjali ta' Wagner Group, entità militari mhux inkorporata bbażata fir-Russja, responsabbli għall-iskjerament tal-merċenarji ta' Wagner Group fl-Ukrajna.<br>Concord, magħrufa wkoll bħala KOMBINAT PITANIYA KONKORD OOO, kumpannija li Prigozhin waqqaf u kellu s-sjieda tagħha sa Novembru 2019, u grupp ta' kumpanniji oħra b'rabtiet miegħu, inkluż Concord Management and Consulting LLC u Megaline LLC, qed jibbenefikaw minn kuntratti pubbliċi kbar mal-Ministeru għad-Difiża Russu wara l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u l-okkupazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna minn separatisti appoġġati mir-Russja. | 21.4.2022" |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Persuni assoċjati: Lyubov Valentinovna Prigozhina (konjuġi); Violetta Prigozhina (omm)<br>Entitajiet assoċjati: Wagner Group, Internet Research Agency, Concord company group, Concord Management and Consulting LLC, Megaline LLC<br>Nazzjonalità: Russa<br>Sess: raġel | Huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li dgħajfu u heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna u implimentahom b'mod attiv. Hu bbenefika wkoll minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. | |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/661**

**tal-21 ta' April 2022**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 ([1]).

(2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill iddikjara li l-Unjoni kienet ser tikkunsidra rispons ulterjuri xieraq għall-azzjonijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ("RDPK") li jdgħajfu r-reġim globali tan-nonproliferazzjoni u d-diżarm, speċjalment permezz ta' miżuri restrittivi awtonomi addizzjonali.

(3) Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU") adotta r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNSCR") 2397 (2017), fejn huwa afferma mill-ġdid li r-RDPK ma għandhiex twettaq aktar illanċjar bl-użu tat-teknoloġija tal-missili ballistiċi, testijiet nukleari, jew kwalunkwe provokazzjoni oħra; għandha immedjatament tissospendi l-attivitajiet kollha marbuta mal-programm tal-missili ballistiċi tagħha u f'dak il-kuntest tistabbilixxi mill-ġdid l-impenji eżistenti minn qabel għal moratorju fuq l-illanċjar kollu tal-missili; għandha immedjatament tabbanduna l-armi nukleari kollha u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati; u għandha tabbanduna kwalunkwe arma eżistenti oħra ta' qerda massiva u programmi ta' missili ballistiċi b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.

(4) Fl-24 ta' Marzu 2022, ir-RDPK illanċjat missila ballistika interkontinentali. Ir-RDPK illanċjat missili f'mill-anqas tnax-il okkażjoni bejn il-5 ta' Jannar u l-24 ta' Marzu 2022.

(5) Fil-25 ta' Marzu 2022, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjon fejn ikkundanna l-illanċjar mir-RDPK ta' missila ballistika interkontinentali fl-24 ta' Marzu 2022, li sar bi ksur ta' diversi UNSCR u huwa theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u reġjonali Dik id-dikjarazzjoni appellat ukoll lir-RDPK biex iżżomm lura minn kwalunkwe azzjoni ulterjuri li tista' żżid it-tensjoni internazzjonali u reġjonali u biex tikkonforma mal-UNSCR rilevanti billi tabbanduna l-armi nukleari kollha tagħha, l-armi l-oħra ta' qerda massiva, il-programmi ta' missili ballistiċi u l-programmi nukleari eżistenti, b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli, u immedjatament twaqqaf l-attivitajiet kollha relatati. Ir-Rappreżentant Għoli ddikjara wkoll li l-Unjoni tinsab lesta biex timplimenta u tikkomplementa, jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe azzjoni li tista' tittieħed mill-KSNU b'rispons għall-illanċjar ta' missila ballistika interkontinentali fl-24 ta' Marzu 2022.

(6) Billi l-attivitajiet marbuta mal-illanċjar ta' missili ballistiċi baqgħu jitwettqu mir-RDPK bi ksur tal-UNSCR rilevanti u b'nuqqas sfaċċat ta' rispett għalihom, jenħtieġ li tmien individwi u erba' entitajiet jiġu inklużi fil-listi ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849.

(7) Jenħtieġ għalhekk li l-Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 jiġu emendati skont dan,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati kif jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J.-Y. LE DRIAN

*ANNESS*

Annessi II u III għad-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness II, taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet responsabbli għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi, jew ma' armi oħrajn tal-qerda massiva jew persuni jew entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew fuq id-direzzjoni tagħhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom", subintestatura "A. Persuni", jiżdiedu dawn l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Magħruf ukoll bħala | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| "28. | KIM Su Gil | KIM Su-Gil | Data tat-twelid: 1950<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Uffiċċju Politiku Ġenerali tal-Armata tal-Poplu tal-Korea, bejn l-2018 u l-2021 u bħala Membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat bejn l-2019 u l-2021, kien responsabbli għall-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, marbuta mal-iżvilupp tal-programmi nukleari u ballistiċi bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017), u 2397 (2017). |
| 29. | JON Il Ho | JON Il-Ho | Data tat-twelid: 1955 jew 1956<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "uffiċjal ewlieni fil-qasam tax-xjenza tad-difiża nazzjonali", jaqdi rwol importanti fil-programmi tar-RDPK ta' armi ta' qerda massiva, u huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-programmi. Promoss għal Kurunell Ġenerali f'Awwissu 2019, fis-16 ta' Frar irċieva l-Premju għax-Xjenza u t-Teknoloġija, huwa Direttur tal-Research Institute of Automation u Direttur ta' Istitut f'Kim Chaek University of Technology, u Viċi Direttur ta' Dipartiment tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema, fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017 ipparteċipa fl-illanċjar tal-missila ballistika interkontinentali (ICBM) Hwasong-14, kif ukoll fil-biċċa l-kbira tal-illanċjar ta' missili oħra fl-2017, l-2019 u f'Marzu 2020. |
| 30. | JONG Sung Il | JONG Sung-Il | Data tat-twelid: 20.3.1961<br>Numru tal-passaport: 927240105<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala "Uffiċjal Għoli tal-Partit" u "uffiċjal ewlieni fil-qasam tax-xjenza tad-difiża nazzjonali" u identifikat minn Stat Membru tan-NU bħala l-Eks Viċi Direttur tal-Munitions Industry Department tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea fl-2017, jaqdi rwol importanti fil-programmi tar-RDPK ta' armi ta' qerda massiva, u huwa responsabbli għall-iżvilupp ta' dawn il-programmi, partikolarment missili ballistiċi. Huwa kien preżenti waqt it-testijiet tal-missili ballistiċi interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017 u preżenti waqt l-illanċjar tal-missili ballistiċi/tas-Sistema ta' Llanċjar ta' Rokit Multiplu ta' dimensjonijiet kbar fl-24 ta' Awwissu 2019 u fl-10 ta' Settembru 2019. |

| | Isem | Magħruf ukoll bħala | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 31. | YU Jin | YU Jin | Data tat-twelid: 1960<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Munitions Industry Department u Membru Supplenti tal-Uffiċċju Politiku tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, huwa responsabbli fil-qadi ta' rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-programmi tar-RDPK tal-armi ta' qerda massiva kemm il-qasam nukleari kif ukoll ballistiku. Huwa akkumpanja lil Kim Jong Un fin-National Aerospace Development Administration qabel l-illanċjar tal-ICBM f'Marzu 2022 u ħa sehem fil-Wirja ta' Difiża Nazzjonali tal-2021, li wriet sistemi apparentement ġodda ta' armi. Bħala Viċi Direttur kien preżenti waqt it-testijiet tal-missili ballistiċi interkontinentali (ICBM) Hwasong-14 fl-4 ta' Lulju 2017 u fit-28 ta' Lulju 2017, kif ukoll fit-22 ta' Lulju 2019 waqt l-ispezzjoni ta' Kim Jong Un tat-tip ġdid ta' sottomarin, li r-RDPK indikat li kien maħsub għall-fini "strateġiku" li jiġu skjerati missili ballistiċi llanċjati minn sottomarini, possibbilment kapaċi jġorru testati nukleari u fl-illanċjar tal-missili ballistiċi fil-25 ta' Lulju u t-30 ta' Lulju 2019, u fit-2 ta' Awwissu 2019." |

(2) Fl-Anness III, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", subintestatura "A. Persuni", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "25. | PAK Hwa Song magħruf ukoll bħala PAK Hwa-Song | Kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE<br>Post tat-twelid: RDPK<br>Numru tal-passaport: 654331357<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil<br>Indirizz: Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 21.4.2022 | Pak Hwa Song huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u huwa responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Huwa kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE, kumpannija ta' faċċata tal-PAEKHO TRADING CORPORATION. PAEKHO hija involuta fl-esportazzjoni ta' statwi lejn diversi pajjiżi sub-Saħarjani bi ksur tas-sanzjonijiet tan-NU. Pak fetaħ ukoll kont bankarju f'fergħa ta' bank f'Lubumbashi bbażat fil-Kamerun bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Pak jaħdem ma' Hwang Kil Su. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji b'appoġġ għar-reġim u l-programmi nukleari tar-RDPK. |
| 26. | HWANG Kil Su magħruf ukoll bħala HWANG Kil-Su | Kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE<br>Post tat-twelid: RDPK<br>Numru tal-passaport: 654331363<br>Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil<br>Indirizz: Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) | 21.4.2022 | Hwang Kil Su huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u huwa responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. Huwa kofundatur tal-kumpannija CONGO ACONDE, kumpannija ta' faċċata tal-PAEKHO TRADING CORPORATION. PAEKHO hija involuta fl-esportazzjoni ta' statwi lejn diversi pajjiżi sub-Saħarjani bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Hwang fetaħ ukoll kont bankarju f'fergħa ta' bank f'Lubumbashi bbażat fil-Kamerun bi ksur tar-riżoluzzjonijiet tal-KSNU. Hwang jaħdem ma' Pak Hwa Song. Huwa jipprovdi servizzi finanzjarji b'appoġġ għar-reġim u l-programmi nukleari tar-RDPK. |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 27. | IM Song Sun<br>magħruf ukoll bħala IM Song-Sun | Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-Corman Construction Company (Tong Bang), kumpanija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project (MOP) Group iddeżinjat min-NU, Im Song Sun huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371, (2017), 2375 (2017) jew 2397 (2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpannija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK. |
| 28. | CHOE Song Chol<br>magħruf ukoll bħala CHOE Song-Chol | Nazzjonalità: RDPK<br>Ġeneru: maskil | 21.4.2022 | Fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant tal-kumpannija Corman Construction (Tong Bang), kumpannija ta' faċċata għall-Mansudae Overseas Project Group iddeżinjat min-NU, Choe Song Chol huwa involut fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCRs 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013), 2270 (2016), 2321 (2016), 2356 (2017), 2371 (2017), 2375 (2017) jew 2397(2017). Huwa mmaniġġa bini minn din il-kumpannija fis-Senegal u rċieva ħlasijiet għal kuntratti mirbuħa lill-MOP u lil Corman Construction, u għalhekk huwa responsabbli għall-attivitajiet finanzjarji li jappoġġaw lir-reġim u lill-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK." |

(3) Fl-Anness III, taħt l-intestatura "Lista ta' persuni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 23(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 27(1)", subintestatura "B. Entitajiet", jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem (u ismijiet oħra possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| "5. | Eritech Kompjuter Assembly & Communication Technology PLC | Indirizz: Denden Street N028, Asmara, 257, Eritrea | 21.4.2022 | Eritech Kompjuter Assembly & Communication technology PLC tqiegħdet taħt l-awtorità jew taħt id-direzzjoni tal-Forzi ta' Difiżi tal-Eritrea u hija domiċiljata fil-kumpless tagħhom tal-Asha Golgol Military Technical Center, użat għall-produzzjoni, il-modifika jew it-tiswija ta' apparat ċivili u militari u paramilitari. Hija involuta fl-evażjoni ta' sanzjonijiet u responsabbli għall-appoġġ tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK billi ġiet identifikata bħala r-riċevitur intiż f'Lulju 2016 ta' kunsinna miċ-Ċina ta' tagħmir ta' komunikazzjonijiet militari li oriġina mir-RDPK. Il-biċċa l-kbira tat-tagħmir ikkonċernat ġie minn GLOCOM, kumpannija tar-RDPK speċjalizzata fil-forniment ta' tagħmir ta' trażmissjoni militari, marbuta mas-servizzi ta' intelligence tar-RDPK bi ksur, b'mod partikolari, tal-UNSCR 2270 (2016). |

| | Isem (u ismijiet oħra possibbli) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Data tad-deżinjazzjoni | Raġunijiet |
|---|---|---|---|---|
| 6. | Korea General Corporation for External Construction (Ismijiet oħra: KOGEN, GENCO) | Indirizz: Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Il-Korea General Corporation for External Construction (KOGEN), hija kumpannija professjonali tal-kostruzzjoni barra l-pajjiż, u tiddependi fuq ħaddiema tas-sengħa li tibgħat barra, skont il-preżentazzjoni li saret mill-portal tal-Internet uffiċjali tar-RDPK, u wettqet proġetti fl-Emirati Għarab Magħquda, il-Kuwajt, il-Qatar, il-Jemen, ir-Russja, il-Libja u l-Mongolja. Hija stabbiliet ukoll fergħat lokali, bħal fiż-Żambja. Il-KOGEN hija, għalhekk, involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u hija responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK peress li tittrasferixxi lir-reġim il-pagi kollha jew parti minnhom tal-ħaddiema li tibgħat barra, prattika pprojbita mill-UNSCR 2397 (2017). |
| 7. | Chilsong Trading Corporation | Indirizz: Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Chilsong Trading Corporation hija, involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet bi ksur tal-UNSCR 2270 (2016) u hija responsabbli għall-appoġġ tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK peress li hija rrappreżentata b'mod partikolari minn ċittadin tar-RDPK, CHOE Jin-myong, li jikkummerċjalizza tagħmir ta' komunikazzjonijiet militari u nnegozja ma' DAERYONGGANG TRADING CORPORATION, entità sanzjonata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fis-16 ta' Lulju 2009. |
| 8. | Korea Paekho Trading Corporation<br>(Magħrufa ukoll bħala: Joson Paekho Muyok Hoesa) | Indirizz: Chongryu 3-dong, Taedonggang District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea | 21.4.2022 | Paekho Trading Corporation hija kumpannija tal-arti involuta fil-bini ta' statwi barra l-pajjiż, fl-esportazzjoni ta' statwi artistiċi prodotti minn Paekho Art Studio, u tiffaċilita x-xogħol illeċitu u l-aċċess għas-sistemi finanzjarji internazzjonali. Hija speċifikament immirata lejn għotjiet u self għall-iżvilupp, kif ukoll investiment dirett barrani allokat għal proġetti muniċipali. Għaldaqstant hija involuta fl-evażjoni tas-sanzjonijiet u hija responsabbli għall-appoġġ finanzjarju tal-programmi nukleari u ballistiċi tar-RDPK." |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT